



Brussell, 17 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9474/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0131(COD)**

LIMITE

**MIGR 169
JAI 632
ASIM 59
SOC 322
EMPL 208
EDUC 165
IA 108
CODEC 890**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8580/22 + ADD 1 - ADD 4
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni) - Test ta' kompromess tal-Presidenza

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness I-aħħar verżjoni tat-test ta' kompromess tal-Presidenza dwar il-proposta msemmija hawn fuq.

Il-modifiki ssuġġeriti huma indikati kif ġej:

- test ġdid meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni b'**tipa grassa**;
- test ġdid meta mqabbel mal-verżjoni preċedenti b'**tipa grassa ssottolinjata**;
- test imħassar meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni huwa mmarkat b'[...];
- test imħassar meta mqabbel mal-verżjoni preċedenti b'[...].

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 79(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislativa ordinarja³,

¹ ĠU C 27, 3.2.2009, p. 114.

² ĠU C 257, 9.10.2008, p. 20.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-24 ta' Novembru 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jsiru għadd ta' emendi għad-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata.
- (2) Dispożizzjonijiet għal proċedura ta' applikazzjoni unika li twassal għall-ħruġ ta' titolu ikkombinat li jgħaqqad il-permessi ta' residenza u ta' xogħol f'dokument amministrattiv wieħed jikkontribwixxu biex jiġu ssimplifikati u armonizzati r-regoli applikabbli bħalissa fl-Istati Membri.
- (3) Sabiex jippermettu d-dħul inizjali fit-territorju tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu joħorġu permess uniku jew, jekk joħorġu permessi uniċi biss wara d-dħul, joħorġu viża. Jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu tali permessi uniċi jew viżi fi żmien xieraq.
- (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita ġabra ta' regoli li jirregolaw il-proċedura għall-eżami tal-applikazzjoni għal permess uniku. Jenħtieġ li dik il-proċedura tkun effettiva u maniġġabbli, filwaqt li tiegħu inkunsiderazzjoni l-piż normali tax-xogħol tal-amministrazzjonijiet tal-Istat Membru, u tkun ukoll trasparenti u ġusta, biex tiġi offruta ċertezza legali xierqa lil dawk ikkonċernati.
- (5) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw l-ammissjoni, inkluż il-volumi ta' ammissjoni, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal fini ta' xogħol.

⁴ Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1).

- (6) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri r-relazzjonijiet ta' impjeg bejn [...] **iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi** u l-impjegaturi. Fejn il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' aġenziji ta' xogħol temporanju stabbiliti fit-territorju tiegħu u li għandhom relazzjoni ta' impjeg mal-ħaddiem, jenħtieġ li tali [...] **ċittadini ta' pajjiżi terzi** ma jgħux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, **u jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva dwar l-impjegaturi japplikaw bl-istess mod għal tali aġenziji.**
- (7) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu stazzjonati f'pajjiż ieħor [...] ma jkunux koperti minn din id-Direttiva. Jenħtieġ li dan ma jimpedixxix liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jirrisjedu u jaħdmu legalment fi Stat Membru u li jiġu stazzjonati fi Stat Membru ieħor milli jibqgħu jgawdu minn trattament ugwali meta mqabbla maċ-ċittadini tal-Istat Membru tal-oriġini matul il-perjodu li fih ikunu stazzjonati, fir-rigward ta' dawk it-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjeg li mhumex affettwati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

[...]

- (9) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu akkwistaw status ta' residenza għat-tul skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE⁶ ma jkunux koperti minn din id-Direttiva minħabba l-istatus globali aktar privileġġjat tagħhom u t-tip speċifiku ta' permess ta' residenza tagħhom "resident għat-tul-UE".

⁵ Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).

- (10) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ddaħħlu fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu fuq bażi staġjonali u jkunu applikaw għal ammissjoni jew ikunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru skont id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ ma jkunux koperti minn din id-Direttiva minħabba li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/36/UE, li tistabbilixxi reġim speċifiku.
- (11) Jenħtieġ li l-obbligu fuq l-Istati Membri li jiddeterminaw jekk l-applikazzjoni tiġix ippreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz jew mill-impjegatur tiegħu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe arranġament li jeħtieġ li t-tnejn li huma jkunu involuti fil-proċedura. Jenħtieġ li l-Istati Membri [...] **jikkunsidraw u jeżaminaw applikazzjonijiet għal permess uniku jew meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun qed jirrisjedi barra t-territorju tal-Istat Membru li fih jixtieq jidħol, jew meta diġà jkun qed jirrisjedi fit-territorju ta' dak l-Istat Membru bħala detentur ta' permess ta' residenza validu maħruġ minn dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll l-għażla li jaċċettaw applikazzjonijiet ppreżentati minn ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi li jkunu legalment preżenti fit-territorju tagħhom.**
- (12) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-proċedura ta' applikazzjoni unika u dwar il-permess uniku ma jikkonċernawx viżi uniformi jew għal soġġorn twil. [...] **Dment li r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu ssodisfati u fejn Stat Membru joħroġ permessi uniċi fit-territorju tiegħu biss, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat joħroġ il-viża meħtieġa liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex jikseb permess uniku.**

⁷ Id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġjonali (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 375).

- (13) Jenħtieġ li l-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tinkludi [...] ż-
żmien meħtieġ għall-konformità mal-verifiki tas-sitwazzjonijiet tas-suq tax-xogħol, **fejn tali**
verifika titwettagħ b'rabta ma' applikazzjoni individwali għal permess uniku.
Għalhekk, verifika ġenerali tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol li ma tkunx marbuta
ma' applikazzjoni individwali għal permess uniku mhijiex koperta bl-iskadenza għall-
adozzjoni ta' deċiżjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu kull sforz biex joħorġu l-
viża meħtieġa biex il-permess uniku jinkiseb fi żmien xieraq.
- (14) Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri **jagħmlu kull sforz biex jirrikjedu lill-**
applikanti jippreżentaw id-dokumenti rilevanti darba biss u jwettqu biss verifika
sostanzjali waħda tad-dokument[...]i ppreżentati mill-applikant għall-ħruġ kemm ta'
permess uniku kif ukoll, **fejn ikun applikabbli**, tal-viża meħtieġa **biex jinkiseb il-permess**
sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u sabiex ma jittawlux il-proċeduri. [...]
- (15) In-nomina tal-awtorità kompetenti skont din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr
preġudizzju għar-rwol u r-responsabilitajiet ta' awtoritajiet oħra u, fejn applikabbli, l-
imsieħba soċjali, fir-rigward tal-eżami tal-applikazzjoni u d-deċiżjoni dwarha.
- (16) Madanakollu jenħtieġ li l-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ma
tinkludix iż-żmien meħtieġ għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali. Jenħtieġ li din id-
Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali dwar ir-rikonoxximent ta'
diplomi.

- (17) Jenħtieġ li l-permess uniku jiffassal skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002⁸, biex dan jippermetti lill-Istati Membri jdaħħlu aktar informazzjoni, partikolarment dwar jekk il-persuna jkollhiex il-permess li taħdem. Għall-fini ta' kontroll aħjar tal-migrazzjoni, jenħtieġ li Stat Membru jindika, fost oħrajn, mhux biss fuq il-permess uniku iżda wkoll fuq kull permess ta' residenza maħruġ, l-informazzjoni relatata mal-permess tax-xogħol, irrispettivament mit-tip tal-permess jew tal-permess ta' residenza li abbażi tiegħu ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ġie ammess fit-territorju u jkun ingħata aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru.
- (18) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar permessi ta' residenza għal finijiet oħrajn għajr xogħol japplikaw biss għall-format ta' tali permessi u jkunu mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-proċeduri ta' ammissjoni u dwar il-proċeduri għall-ħruġ ta' tali permessi.
- (19) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-permess uniku u dwar il-permess ta' residenza maħruġ għal finijiet oħra apparti xogħol ma jipprevjenux lill-Istati Membri milli joħorġu dokument tal-karta addizzjonali biex tkun tista' tingħata informazzjoni aktar preċiża dwar ir-relazzjoni ta' impjieg li ma jkunx hemm spazju biżżejjed għaliha fil-format tal-permess ta' residenza. Tali dokument jista' jservi bħala prevenzjoni għall-isfruttament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u biex jiġu miġġielda l-impjiegi illegali iżda jenħtieġ li jkun fakultattiv għall-Istati Membri u ma jservix ta' sostitut għal permess ta' xogħol u b'hekk jikkomprometti l-kunċett ta' permess uniku. Il-possibiltajiet tekniċi offruti mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u l-punt (a)20 tal-Anness tiegħu jistgħu jintużaw ukoll għall-ħżin ta' tali informazzjoni f'format elettroniku.

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1).

- (20) Il-kondizzjonijiet u l-kriterji li fuqhom applikazzjoni għall-ħruġ, l-emendar jew it-tiġdid ta' permess uniku tista' tiġi miċħuda, jew li abbażi tagħhom il-permess uniku jista' jiġi rtirat, jenħtieġ li jkunu oġġettivi u jkunu stabbiliti fil-liġi nazzjonali, inkluż l-obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-preferenza tal-Unjoni kif inhu espress b'mod partikolari fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti ta' Adeżjoni tal-2003 u l-2005. Jenħtieġ li deċiżjonijiet ta' każda u ta' rtirar ikunu mmotivati kif xieraq.
- (21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dokument tal-ivjaġġar validu u permess uniku maħruġ minn Stat Membru li japplika bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, jenħtieġ li jkunu jistgħu jidħlu u jiċċaqalqu liberament fit-territorju tal-Istati Membri li japplikaw bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, għal perjodu massimu ta' tliet xhur fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur skont ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom¹⁰ (Konvenzjoni ta' Schengen).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

¹⁰ ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.

- (22) Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni orizzontali tal-Unjoni, id-drittijiet ta' pajjiżi terzi jvarjaw, skont l-Istat Membru li jaħdmu fih u skont in-nazzjonalità tagħhom. Bil-għan li tiġi żviluppata aktar politika tal-immigrazzjoni koerenti u titnaqqas id-differenza fid-drittijiet bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu legalment fi Stat Membru u biex jiġi kkomplementat l-*acquis* eżistenti dwar l-immigrazzjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita ġabra ta' drittijiet sabiex, b'mod partikolari, jiġi speċifikat f'liema oqsma jingħata trattament ugwali bejn iċ-ċittadini propji ta' Stat Membru u iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għadhom mhumieks residenti għat-tul. Tali dispożizzjonijiet huma maħsubin biex jistabbilixxu kondizzjonijiet ekwivalenti minimi fl-Unjoni, biex jiġi rikonoxxut li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkontribwixxu għall-ekonomija tal-Unjoni permezz tax-xogħol u l-ħlasijiet tat-taxxa tagħhom u biex iservu bħala salvagwardja biex titnaqqas il-kompetizzjoni inġusta bejn iċ-ċittadini propji ta' Stat Membru u iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li tirriżulta mill-isfruttar possibbli ta' dawn tal-aħħar. Ħaddiem ta' pajjiżi terzi f'din id-Direttiva jenħtieġ li jiġi ddefinit, mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-kunċett tar-relazzjoni ta' impjieg f'dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, bħala ċittadin ta' pajjiżi terzi li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru, li jkun legalment jirrisjedi u li jkollu permess, fil-kuntest ta' relazzjoni **ta' impjieg** bi ħlas. li jaħdem hemmhekk skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.

- (23) Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu u jaħdmu legalment fl-Istati Membri jenħtiegħ li jgawdu mill-inqas minn ġabra komuni ta' drittijiet imsejsa fuq it-trattament ugwali bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti rispettiv tagħhom, irrISPettivament mill-għan inizjali tal-ammissjoni jew il-bażi għaliha. Jenħtiegħ li d-dritt għat-trattament ugwali fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva jingħata mhux biss lil daww iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fi Stat Membru biex jaħdmu iżda wkoll lil daww kollha li jkunu ġew ammessi għal finijiet oħra u jkunu ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru skont dispożizzjonijiet oħra ta' liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, inkluż il-membri tal-familja ta' ħaddiem ta' pajjiżi terzi li huma ammessi fl-Istat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE¹¹; iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ammessi fit-territorju ta' Stat Membru skont id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹².
- (24) Id-dritt għat-trattament ugwali f'oqsma speċifikati jenħtiegħ li jkun strettament marbut mar-residenza legali taċ-ċittadin ta' pajjiżi terzi u l-aċċess mogħti għas-suq tax-xogħol fi Stat Membru, li huma mnaqqxa fil-permess uniku li jinkludi l-awtorizzazzjoni għar-residenza u għax-xogħol u f'permessi ta' residenza maħruġa għal skopijiet oħra li jkunu jinkludu informazzjoni dwar il-permess tax-xogħol.

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12).

¹² Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

- (25) Il-kondizzjonijiet tax-xogħol kif imsemmija f'din id-Direttiva jenħtieġ li jkopru mill-inqas il-ħlas u t-tkeċċija, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol u l-liv, filwaqt li jitqies kwalunkwe ftehim kollettiv fis-seħħ.
- (26) Jenħtieġ li Stat Membru jagħraf il-kwalifiki professjonali akkwistati minn ċittadin ta' pajjiżi terz fi Stat Membru ieħor bl-istess mod bħal daww ta' ċittadini tal-Unjoni u jenħtieġ li jkoll il-kwalifiki akkwistati f'pajjiż terz skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³. Id-dritt għal trattament ugħali mogħti lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi fir-rigward tar-rikonossiment ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex idaħħlu dawn il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol tagħhom.

Jenħtieġ li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi jgawdu trattament ugħali fejn tidħol is-sigurtà soċjali. Il-fergħat tas-sigurtà soċjali huma definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴. Id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugħali fejn tidħol is-sigurtà soċjali f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-ħaddiema li jiġu ammessi fi Stat Membru direttament minn pajjiż terz. Madankollu, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tagħtix lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi aktar drittijiet minn daww previsti diġà fid-dritt eżistenti tal-Unjoni fil-qas tas-sigurtà soċjali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

¹³ Id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

Minkejja dan ta' hawn fuq, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fil-kawża C-302/19¹⁵, Stat Membru ma jistax jirrifjuta jew inaqas l-għoti ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali lid-detentur ta' permess uniku, minħabba li l-membri tal-familja tiegħu jew uħud minnhom ma jirrisjedux fit-territorju tiegħu iżda f'pajjiż terz, meta huwa jagħti dan il-benefiċċju liċ-ċittadini tiegħu indipendentement mill-post ta' residenza tal-membri tal-familja tagħhom.

- (28) Jenħtieġ li l-Istati Membri mill-inqas jiżguraw it-trattament ugwali ta' daww iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom impjieg jew li, wara perjodu minimu ta' impjieg, ikunu rreġistrati bħala qiegħda. Kwalunkwe restrizzjoni għat-trattament ugwali fil-qasam tas-sigurtà soċjali skont din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija skont ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.
- (29) Id-dritt tal-Unjoni ma jillimitax is-setgħa tal-Istati Membri li jorganizzaw l-iskemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. L-istabbiliment tal-kondizzjonijiet li skonthom jingħataw il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, kif ukoll l-ammont ta' tali benefiċċji u l-perjodu li jingħataw għalih, għandu jiddependi minn kull Stat Membru. Madankollu, meta jkunu qed jeżerċitaw dik is-setgħa, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.
- (30) Jenħtieġ li t-trattament ugwali ta' ħaddiema ta' pajjiżi terzi ma japplikax għal miżuri fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali li huma ffinanzjati minn skemi ta' għajjuna soċjali.

¹⁵ **Il-punt 39.**

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1).

- (31) Sabiex jissaħħa it-trattament ugwali ta' ħaddiema ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissuażivi kontra l-impjegaturi fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, u l-libertà ta' assoċjazzjoni [...].
- (32) Biex jiġi żgurat l-infurzar xieraq tad-**dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont** din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri [...] **jipprevedu** mekkaniżmi xierqa [...] għall- [...] monitoraġġ [...] u [...], fejn xieraq, spezzjonijiet effettivi u adegwati [...] fit-territorji rispettivi tagħhom **skont il-liġi jew il-prattika amministrattiva nazzjonali**. [...] **Fejn ikun xieraq, jenħtieġ li s-servizzi inkarigati mill-ispezzjoni tax-xogħol jew l-awtoritajiet kompetenti l-oħra jkollhom aċċess għall-post tax-xogħol.**
- (33) Jenħtieġ li l-Istati Membri [...] **jiżguraw** ukoll **li jkun hemm** mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom ħaddiema ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jfittxu rimedju legali u jressqu lmenti direttament jew permezz ta' partijiet terzi li jkollhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali, interess leġittimu li jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva, bħat-trade unions jew assoċjazzjonijiet oħra, jew awtoritajiet kompetenti. Dan jitqies neċessarju biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ħaddiema ta' pajjiżi terzi ma jkunux konxji mill-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' infurzar jew joqogħdu lura milli jużawhom fisimhom stess, pereżempju minħabba biża' ta' konsegwenzi possibbli.
- (33a) **Fil-kuntest tal-protezzjoni tal-ħaddiema, jenħtieġ li miżuri nazzjonali simili li jikkonċernaw il-monitoraġġ, il-valutazzjoni, l-ispezzjonijiet, il-penali u l-faċilitazzjoni tal-ilmenti diġà jkunu adottati u fis-seħħ fil-livell nazzjonali.**

- (34) Il-permess uniku jenħtieġ li jawtorizza liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex ibiddel lill-impjegatur matul il-perjodu tal-validità tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu [...] **jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet għal bidla fl-impjegatur, inkluż notifika jew proċedura għal applikazzjoni [...] u [...] verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol[...]. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrikjedu li l-bidla fl-impjegatur ma tinvolvi bidla fix-xogħol, inkluż fost l-oħrajn bidla fis-settur tax-xogħol jew fil-karatteristiċi sostanzjali tal-impjeg. Sabiex jiġi evitat l-abbuż potenzjali, u jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-impjegaturi li jinvestu riżorsi fir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' ħaddiema ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu wkoll perjodu minimu ta' żmien li għalih id-detentur tal-permess uniku jkun meħtieġ jaħdem għall-ewwel impjegatur qabel ma jibdel l-impjegatur. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, pereżempju fil-każ ta' sfruttament tad-detentur tal-permess uniku jew jekk l-impjegatur jonqos milli jissodisfa l-obbligi legali tiegħu fir-rigward tad-detentur tal-permess uniku, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu l-bdil tal-impjegatur qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu minimu. Il-permess uniku ma għandux jiġi rtirat matul perjodu ta' mill-inqas [...] xahrejn fil-każ tal-qgħad tad-detentur tiegħu.**
- (35) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun applikata mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet aktar favorevoli li jinsabu fid-dritt tal-Unjoni u fl-istrumenti internazzjonali applikabbli.

- (36) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabbiltajiet, età jew orjentazzjoni sesswali partikolarment f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE¹⁷ u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE¹⁸.
- (37) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istabbiliment ta' proċedura ta' applikazzjoni unika għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u għabra komuni tad-drittijiet għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (38) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 6(1) TUE.

¹⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).

¹⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

- (39) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu [...] 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u [...] **mhijiex** marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

[...]

- (40) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (41) L-obbligu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali jenħtieġ li jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttiva ta' qabel. L-obbligu ta' traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttiva ta' qabel.
- (42) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, Parti B.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi:
 - (a) proċedura ta' applikazzjoni unika għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jirrisjedu għal finijiet ta' xogħol fit-territorju ta' Stat Membru, sabiex ikunu simplifikati l-proċeduri tal-ammissjoni tagħhom u jiġi ffaċilitat il-kontroll tal-istatus tagħhom;
 - (b) ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, irrispettivament mill-għanijiet li għalihom kienu ammessi fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, abbażi ta' trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.
2. **Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 79(5) TFUE.**

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "ċittadin ta' pajjiż terzi" tfisser persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) TFUE;

- (b) "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru u li jkun jirrisjedi legalment u jkun jista' jaħdem fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg [...] **bi ħlas** f'dak l-istat Membru skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali;

[...]

- (c) "permess uniku" tfisser permess ta' residenza maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li jippermetti ċittadin ta' pajjiż terz li jirresjedi legalment fit-territorju tiegħu għal fini ta' xogħol;
- (d) "proċedura unika ta' applikazzjoni" tfisser kwalunkwe proċedura li twassal, abbażi ta' applikazzjoni unika magħmula minn ċittadin ta' pajjiż terz, jew mill-impjegatur tiegħu, għall-awtorizzazzjoni ta' residenza u ta' xogħol fit-territorju ta' Stat Membru, għal deċiżjoni li tirregola dik l-applikazzjoni għall-permess uniku.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

- (a) ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jirrisjedu fi Stat Membru għall-fini ta' xogħol;
- (b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ammessi fi Stat Membru għal finijiet oħra apparti xogħol skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, li jkunu jistgħu jaħdmu u li jkollhom permess ta' residenza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002; u

- (c) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ammessi fi Stat Membru għall-fini ta' xogħol f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi:

- (a) li jkunu membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li jkunu eżerċitaw, jew ikunu qed jeżerċitaw, id-dritt tagħhom tal-libertà tal-moviment fl-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹;
- (b) li, flimkien mal-membri tal-familja tagħhom, u irrISPettivament min-nazzjonalità tagħhom, igawdu drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni skont ftehim jew bejn l-Unjoni u l-Istati Membri jew bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;
- (c) li huma **stazzjonati sakemm jibqgħu stazzjonati[...]**;
- (d) li jkunu applikaw għal ammissjoni jew ikunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu bħala ħaddiema bi trasferiment intraazjendali skont id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰;

¹⁹ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet ta' ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

²⁰ Id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 1).

- (e) li jkunu applikaw għal ammissjoni jew ikunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru bħala ħaddiema staġonali skont id-Direttiva 2014/36/UE jew au pairs[...];
- (f) li jkunu awtorizzati jirrisjedu fi Stat Membru abbażi ta' protezzjoni temporanja **skont id-Direttiva 2001/55/KE**, jew li jkunu applikaw għall-awtorizzazzjoni biex jirrisjedu hemm fuq dik il-bażi u jkunu qed jistennew deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom;
- (g) li jkunu benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹, jew li jkunu applikaw għal protezzjoni internazzjonali skont dik id-Direttiva u li l-applikazzjoni tagħhom ma tkunx is-suġġett ta' deċiżjoni finali;
- (h) **li jkunu benefiċjarji ta' protezzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-obbligi internazzjonali jew il-prattika ta' Stat Membru jew li jkunu applikaw għal protezzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali, obbligi internazzjonali jew il-prattika ta' Stat Membru u li l-applikazzjoni tagħhom ma tkunx is-suġġett ta' deċiżjoni finali;**
- (i) li jkunu residenti għat-tul f'konformità mad-Direttiva 2003/109/KE;
- (j) li t-tneħħija tagħhom tkun ġiet sospiża fuq il-bażi ta' fatt jew ta' dritt;

²¹ Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

- (k) li jkunu applikaw għal ammissjoni jew li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru bħala ħaddiema li jaħdmu għal rashom;
- (l) li jkunu applikaw għal ammissjoni jew ġew ammessi bħala baħħara biex jiġu impjegati jew jaħdmu fi kwalunkwe kapaċità fuq bastiment reġistrat fi Stat Membru jew li jbaħħar taħt il-bandiera ta' Stat Membru.
3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-Kapitolu II ma japplikax għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jew ikunu ġew awtorizzati jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur jew li jkunu ġew ammessi fi Stat Membru għall-fini ta' studju.
4. Il-Kapitolu II m'għandux japplika għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jaħdmu abbażi ta' viża.

KAPITOLU II

PROĊEDURA TA' APPLIKAZZJONI UNIKA U PERMESS UNIKU

Artikolu 4

Proċedura ta' applikazzjoni unika

1. Applikazzjoni biex jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded permess uniku għandha tiġi ppreżentata permezz ta' proċedura ta' applikazzjoni unika. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk l-applikazzjonijiet għal permess uniku għandhomx jiġu ppreżentati miċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew mill-impjegatur taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. **Alternattivamente, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li jsiru applikazzjonijiet minn kwalunkwe wieħed mit-tnejn. [...]**
2. **Applikazzjoni għal permess uniku għandha tiġi kkunsidrata u eżaminata jew meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun qed jirrisjedi barra t-territorju tal-Istat Membru li fih jixtieq jiġi ammess, jew meta hu jkun diġà qed jirrisjedi fit-territorju ta' dak l-Istat Membru bħala detentur ta' permess ta' residenza validu. Stat Membru jista' jaċċetta wkoll, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, applikazzjonijiet għal permess uniku ppreżentati minn ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi li jkunu legalment preżenti fit-territorju tiegħu.**
3. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni ppreżentata skont il-paragrafu 1 u għandhom jadottaw deċiżjoni li jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded il-permess uniku jekk l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati mid-dritt tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali. Id-deċiżjoni li jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded il-permess uniku għandha tikkostitwixxi att amministrattiv uniku li jgħaqqad permess ta' residenza u permess ta' xogħol.

4. Dment li r-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali jiġu ssodisfati u fejn Stat Membru jorogħ permessi uniċi fit-territorju tiegħu biss, l-Istat Membru kkonċernat għandu jorogħ liċ-ċittadin ta' pajjiż terz il-viża meħtieġa **biex jikseb permess uniku**.
5. L-Istati Membri għandhom jorogħu permess uniku, f'każ li jiġu mil-huqa l-kondizzjonijiet previsti, liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal ammissjoni u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi diġà ammessi li japplikaw biex iġeddu jew jimmodifikaw il-permess ta' residenza tagħhom wara d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet implimentattivi nazzjonali.

Artikolu 5

Awtorità kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-awtorità kompetenti biex tirċievi l-applikazzjoni u toħroġ il-permess uniku.
2. L-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni [...] **għal permess uniku** mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien erba' xhur mid-data [...] **ta' preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta**.

Il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkopri l-verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol **fejn tali verifika titwettag b'rabta ma' applikazzjoni individwali għal permess uniku [...]**. Il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż f'ċirkostanzi eċċezzjonali **u debitament ġustifikati [...]** marbuta mal-kumplessità tal-[...]applikazzjoni **inkluż, fejn applikabbli, il-valutazzjoni tas-suq tax-xogħol**.

Fejn ma tkun ittiegħdet l-ebda deċiżjoni fil-limitu ta' żmien previst f'dan il-paragrafu, kwalunkwe konsegwenza legali għandha tiġi determinata mil-liġi nazzjonali.

3. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni lill-applikant bil-miktub f'konformità mal-proċeduri ta' notifika mniżżla fil-liġi nazzjonali rilevanti.

4. Jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti li jappoġġaw l-applikazzjoni ma jkunux kompluti skont il-kriterji speċifikati fil-liġi nazzjonali, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-applikant bil-miktub dwar l-informazzjoni addizzjonali jew id-dokumenti meħtieġa, filwaqt li tistabbilixxi skadenza raġonevoli biex dawn jiġu provduti. Il-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtorità kompetenti jew awtoritajiet oħra rilevanti jkunu irċevew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Jekk l-informazzjoni addizzjonali jew id-dokumenti ma jkunux ġew ipprovduti sal-iskadenza mogħtija, l-awtorità kompetenti tista' tiċħad l-applikazzjoni.

Artikolu 6

Permess uniku

1. L-Istati Membri għandhom joħroġu permess uniku billi jużaw il-format uniformi kif jinsab fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u għandhom jindikaw l-informazzjoni relatata mal-permess tax-xogħol f'konformità mal-punti (a)12 u 16 tal-Anness għalih.

L-Istati Membri jistgħu jindikaw l-informazzjoni addizzjonali relatata mar-relazzjoni ta' impjieg taċ-ċittadin ta' pajjiż terz (bħall-isem u l-indirizz tal-impjegatur, il-post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol, is-siġhat ta' xogħol, ir-rimunerazzjoni) f'format stampat, jew jaħżnu tali data f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u fil-punt (a)20 tal-Anness I għalih.

2. Meta joħroġu l-permess uniku, l-Istati Membri m'għandhomx joħroġu permessi addizzjonali bħala prova ta' awtorizzazzjoni tal-aċċess għas-suq tax-xogħol.

Artikolu 7

Permessi ta' residenza maħruġa għal skopijiet oħra għajr xogħol

1. Meta joħorġu permessi ta' residenza għal skopijiet għajr xogħol f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 l-Istati Membri għandhom jindikaw l-informazzjoni relatata mal-permess tax-xogħol irrispettivament mit-tip tal-permess.

L-Istati Membri jistgħu jindikaw l-informazzjoni addizzjonali relatata mar-relazzjoni ta' impjieg taċ-ċittadin ta' pajiż terz (bħall-isem u l-indirizz tal-impjegatur, il-post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol, is-sigħat ta' xogħol, ir-rimunerazzjoni) f'format stampat, jew jaħżnu tali data f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u fil-punt (a)20 tal-Anness I għalih.
2. Meta joħorġu permessi ta' residenza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002, l-Istati Membri m' għandhomx joħorġu permessi addizzjonali bħala prova ta' awtorizzazzjoni tal-aċċess għas-suq tax-xogħol.

Artikolu 8

Garanziji proċedurali

1. Għandhom jingħataw raġunijiet fin-notifika bil-miktub ta' deċiżjoni li tiċhađ applikazzjoni biex jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġeddedd permess uniku, jew deċiżjoni li tirtira permess uniku abbażi tal-kriterji previsti fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali.

2. Deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni biex jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded permess uniku, jew deċiżjoni li tirtira permess uniku għandha tkun miftuħa għal kontestazzjoni legali fl-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mal-liġi nazzjonali. In-notifika bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika l-qorti jew l-awtorità amministrattiva fejn il-persuna kkonċernata tista' tippreżenta appell u l-limitu ta' żmien għalih.
3. Applikazzjoni tista' titqies bħala inammissibbli għal raġunijiet ta' volum ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ġejjin minn pajjiżi terzi għal impjieg u, fuq dik il-bażi, ma jkunx hemm għalfejn tiġi pproċessata.

Artikolu 9

Aċċess għall-informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jagħmlu faċilment aċċessibbli, u jagħtu fuq talba, **liċ-ċittadin ta' pajjiż terz u lill-impjegatur futur**:

- (a) informazzjoni adegwata[...] dwar l-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa għal applikazzjoni;
- (b) informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza, inkluż id-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u tal-membri tal-familja tagħhom.

Artikolu 10

Tariffi

[...]L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-ħlas ta' tariffi għat-ġestjoni ta' applikazzjonijiet f'konformità ma' din id-Direttiva. Il-livell tat-tariffi imposti minn Stat Membru għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet ma għandux ikun sproporzjonat jew eċċessiv.

Drittijiet abbażi tal-permess uniku

1. F'każ li permess uniku jkun inħareġ **f'konformità mal-liġi nazzjonali**, dan għandu jawtorizza, matul il-perjodu ta' validità tiegħu, lid-detentur tiegħu biex mill-inqas:
 - (a) jidħol u jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru li joħroġ il-permess uniku, dment li d-detentur jissodisfa r-rekwiżiti ta' ammissjoni kollha f'konformità mal-liġi nazzjonali;
 - (b) ikollu aċċess liberu għat-territorju kollu tal-Istat Membru li joħroġ il-permess uniku, fil-limiti previsti fil-liġi nazzjonali;
 - (c) jeżerċita l-attività speċifika ta' impjeg awtorizzata skont il-permess uniku f'konformità mal-liġi nazzjonali;
 - (d) ikun infurmat dwar id-drittijiet tad-detentur stess marbuta mal-permess, konferiti b'din id-Direttiva u/jew bil-liġi nazzjonali.
2. [...]L-Istati Membri għandhom jippermettu lil detentur ta' permess uniku [...] **jibdel l-impjegatur. Minbarra li jivverifikaw il-kondizzjonijiet għall-ammissjoni skont il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jaraw li l-bidla fl-impjegatur tkun soġġetta għal kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin: [...]**

- (a) **notifika jew applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat skont il-liġi nazzjonali. Meta l-Istati Membri jagħżlu proċedura ta' notifika, huma jistgħu jopponu l-bidla fl-impjegatur fi żmien 90 jum mid-data li fiha tkun saret in-notifika kompluta. Meta l-Istati Membri jagħżlu proċedura ta' applikazzjoni, huma għandhom jadottaw deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fi żmien 90 jum mid-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni kompluta. Fiż-żewġ każijiet, id-dritt tad-detentur tal-permess uniku li jkompli bil-bidla fl-impjegatur jista' jiġi sospiż matul dan il-perjodu ta' 90 jum filwaqt li l-Istat Membru kkonċernat jivverifika l-kondizzjonijiet taħt il-punti (b) u (c), kif applikabbli, u jivverifika li r-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali jkun ssodisfatti[...].**
- (b) **[...] verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol u/jew rekwiżit li l-bidla fl-impjegatur ma tinvolvi bidla fix-xogħol, jew**
- (c) **perjodu minimu ta' żmien li matulu d-detentur tal-permess uniku jkun meħtieġ jaħdem għall-ewwel impjegatur; dan il-perjodu minimu ta' żmien ma għandux jaqbeż tnax-il xahar. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, l-Istati Membri għandhom jippermettu l-bidla fl-impjegatur qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu minimu.**

[...]

3. **[...] Il-qgħad fih innifsu ma għandux jikkostitwixxi raġuni għall-irtirar ta' [...]**
permess uniku [...] dment li:

- (a) **il-perjodu totali ta' qgħad ma jaqbiż xahrejn matul il-perjodu ta' validità ta' permess uniku, u**

- (b) il-bidu u, fejn ikun applikabbli, it-tmiem ta' kwalunkwe perjodu ta' qgħad jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew l-impjegatur ta' iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandhomx jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti.

Meta detentur ta' permess uniku li jkun qiegħed isib impjegatur ġdid fil-perjodu ta' qgħad li jkun permess, l-Istati Membri jistgħu jaraw li l-bidu tal-impjeg il-ġdid ikun soġġett għall-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jippermettu lid-detentur tal-permess uniku [...] jibqa' fit-territorju tagħhom sakemm l-awtoritajiet kompetenti [...] jivverifikaw l-issodisfar tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 u l-kondizzjonijiet għall-ammissjoni skont il-liġi nazzjonali, kif ikun applikabbli, anki jekk il-perjodu [...] permess ta' [...] qgħad ikun skada.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lil detentur ta' permess uniku jkun qiegħed għal perjodu ta' żmien itwal. F'dan il-każ, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li d-detentur tal-permess uniku jipprovdi evidenza li jkollu biżżejjed riżorsi biex imantni lill-nnifsu mingħajr rikors għas-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu ta' qgħad li jaqbeż il-perjodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 3, il-punt (a).

KAPITOLU III

DRITT GĦAL TRATTAMENT UGWALI

Artikolu 12

Dritt għal trattament ugwali

1. Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi kif imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c) għandhom igawdu minn trattament ugwali maċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu fir-rigward ta':
- (a) il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-ħlas u t-tkeċċija kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;
 - (b) il-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija f'organizzazzjoni li tirrappreżenta l-ħaddiema jew l-impjegaturi jew fi kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu involuti f'xogħol speċifiku, inkluż il-benefiċċji konferiti minn tali organizzazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-politika pubblika u s-sigurtà pubblika;

- (c) l-edukazzjoni u t-taħriġ **vokazzjonali**;
- (d) ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra f'konformità mal-proċeduri nazzjonali rilevanti;
- (e) il-fergħat tas-sigurtà soċjali, kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004;
- (f) il-benefiċċji tat-taxxa, dment li l-ħaddiem ikun meqjus b'ħala residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Istat Membru kkonċernat;
- (g) l-aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista ta' oġġetti u servizzi disponibbli għall-pubbliku, inkluż il-proċeduri għall-kisba ta' [...] akkomodazzjoni kif previst mil-liġi nazzjonali, mingħajr preġudizzju għal-libertà ta' kuntratt f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali;
- (h) is-servizzi ta' konsulenza offruti minn uffiċċji tal-impjieg.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu t-trattament ugwali:

- (a) taħt il-paragrafu 1, il-punt (c), billi:
 - (i) jillimitaw l-applikazzjoni tiegħu għal dawk il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg jew li jkunu ġew impjegati u li jkunu rreġistrati b'ħala qiegħda;
 - (ii) jeskludu lil dawk il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju tagħhom f'konformità mad-Direttiva 2016/801/UE;

- (iii) jeskludu l-għotjiet u s-self marbutin mal-istudju u l-manteniment jew għotjiet u self oħra;
 - (iv) jistabbilixxu prerekwiżiti speċifiċi fosthom għarfien sod tal-lingwa u l-ħlas ta' miżati għat-tagħlim, f'konformità mal-liġi nazzjonali, rigward l-aċċess għall-università u għall-edukazzjoni u t-taħriġ postsekondarji u għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li ma jkunux marbutin direttament mal-attività speċifika tal-impjieg;
- (b) billi jillimitaw id-drittijiet konferiti fuq il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi taħt il-paragrafu 1, il-punt (e), iżda ma għandhomx jillimitaw dawn id-drittijiet mogħtija lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg jew li jkunu ilhom impjegati għal perjodu minimu ta' sitt xhur u li jkunu rreġistrati bħala qiegħda.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-paragrafu 1, il-punt (e), fir-rigward tal-benefiċċji għall-familja, ma għandux japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu awtorizzati jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru għal perjodu li ma jaqbiżx sitt xhur, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi għall-fini ta' studju, **jew għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess jaħdmu abbażi ta' viża.**

- (c) taħt il-paragrafu 1, il-punt (f), fir-rigward tal-benefiċċji tat-taxxa, billi jillimitaw l-applikazzjoni tiegħu għal każijiet fejn il-post ta' residenza rreġistrat jew tas-soltu tal-membri tal-familja tal-ħaddiem ta' pajjiżi terzi, li għalihom hu jitlob benefiċċji, ikun jinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

(d) taħt il-paragrafu 1, il-punt (g), billi:

(i) jillimitaw l-applikazzjoni tiegħu lil dawk il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg;

(ii) jirrestrinġu l-aċċess għall-akkomodazzjoni [...].

3. Id-dritt għal trattament ugwali kif stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istat Membru li jirtira jew jirrifjuta li jġedded il-permess ta' residenza maħruġ skont din id-Direttiva, il-permess tar-residenza maħruġ għal skopijiet oħra għajr xogħol, jew kwalunkwe awtorizzazzjoni għal xogħol fi Stat Membru.
4. Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jmorru joqogħdu f'pajjiż terz, jew is-superstiti tagħhom li jkunu jirrisjedu f'pajjiż terz u li jkollhom drittijiet derivati minn dawk il-ħaddiema, għandhom jirċievu, b'rabta max-xjuħija, l-invalidità u l-mewt, il-pensjonijiet statutorji bbażati fuq l-impjieg preċedenti ta' dawk il-ħaddiema u miksuba f'konformità mal-leġislazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, bl-istess kondizzjonijiet u bl-istess rati bħal taċ-ċittadini tal-Istati Membri kkonċernati meta jmorru joqogħdu f'pajjiż terz.

Artikolu 13

Monitoraġġ, valutazzjoni[...], spezzjonijiet u penali

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri biex jipprevjenu [...] **abbużi possibbli u biex jissanzjonaw** ksur mill-impjegaturi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikolu 12. [...] Il-miżuri għandhom jinkludu l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u, fejn xieraq, l-ispezzjonijiet skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur mill-impjegaturi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikolu 12. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. [...]
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi inkarigati mill-ispezzjoni tax-xogħol jew awtoritajiet kompetenti oħra u, fejn previst skont il-liġi nazzjonali [...] **għall-ħaddiema nazzjonali**, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-ħaddiema jkollhom aċċess għall-post tax-xogħol.

Artikolu 14

Faċilitazzjoni ta' lmenti [...]

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom ħaddiema ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jressqu lmenti kontra l-impjegaturi tagħhom, [...] **direttament jew permezz ta' partijiet terzi li, skont il-kriterji stabbiliti fil-liġi nazzjonali tagħhom, ikollhom interess leġittimu biex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, jew permezz ta' awtorità kompetenti tal-Istat Membru meta dan ikun previst fil-liġi nazzjonali.**
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li partijiet terzi [...] **li, skont il-kriterji stabbiliti fil-liġi nazzjonali tagħhom, ikollhom interess leġittimu li jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva**, ikunu jistgħu jinvolve ruħhom f'isem ħaddiem ta' pajjiżi terzi jew b'appoġġ għalih, bl-approvazzjoni tiegħu, fi kwalunkwe [...] **proċediment amministrattiv jew ċivili** bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-**dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.**

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi jkollhom l-istess aċċess bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn ikunu jirrisjedu fir-rigward ta' **miżuri ta' protezzjoni kontra t-tkeċċija jew trattament negattiv ieħor mill-impjegatur bħala reazzjoni għal ilment fl-impriża jew għal kwalunkwe proċediment legali bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. [...]**

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 15

Dispożizzjonijiet aktar favorevoli

1. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli ta':
 - (a) id-dritt tal-Unjoni, inkluż ftehimiet bilaterali u multilaterali bejn l-Unjoni, jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u pajjiż terz wieħed jew aktar, min-naħa l-oħra; u
 - (b) ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar.
2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-persuni li tapplika għalihom.

Artikolu 16

Informazzjoni għall-pubbliku ġenerali

Kull Stat Membru għandu jagħmel faċilment aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali ġabra ta' informazzjoni aġġornata b'mod regolari:

- (a) dwar il-kondizzjonijiet tal-ammissjoni u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tiegħu biex jaħdmu fih;

- (b) dwar l-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa għall-applikazzjoni;
- (c) dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza, inkluż id-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 17

Rappurtar

1. Perjodikament, u għall-ewwel darba mhux aktar tard minn [...], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u għandha tipproponi emendi li tqis meħtieġa.
2. Kull sena, u għall-ewwel darba mhux aktar tard minn [], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni (Eurostat) l-istatistika dwar il-volumi ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess uniku matul is-sena kalendarja preċedenti, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²². Dik l-istatistika għandha tkun relatata ma' perjodi ta' referenza ta' sena kalendarja waħda, tkun diżaggregata skont **iċ-ċittadinanza, it-tul tal-validità tal-permessi, is-sess u l-età u, fejn ikun disponibbli, ix-xogħol [...]** u għandha tiġi trażmessa fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza.

²² Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kompilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikunu konformi [...] mal-Artikolu 3(2)(f), l-Artikolu 4[...] (2) [...] u (4), l-Artikolu 5(2), **l-ewwel u t-tieni subparagrafu, l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 9, l-Artikolu 10, l-Artikolu 11(2) sa (4), [...] l-Artikolu 13, l-Artikolu 14 u l-Artikolu 16** sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ]. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll stqarrija li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif tali referenza trid issir u kif dik id-dikjarazzjoni trid tkun ifformulata.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 19

Revoka

Id-Direttiva 2011/98/UE elenkata fil-Parti A tal-Anness I, titħassar b'effett minn *[jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) ta' din id-Direttiva]*, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva li tinsab fil-Parti B tal-Anness I.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, l-Artikolu 2 [...], l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(2), il-punti (a) [...] **sa (e)** [...] u (h) sa **(l)** [...], l-Artikolu 3(3) u (4), l-Artikolu 4[...] **(1), (3)** u [...] **(5)**, l-Artikolu 5(1), **(2)**, **l-aħħar subparagrafu**, (3) u (4), l-Artikolu 6, l-Artikolu 7**(2)**, l-Artikolu 8, [...] l-Artikolu 11(1), l-Artikolu 12 [...], u l-Artikolu 15, għandhom japplikaw minn [il-jum wara d-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1)].

Artikolu 21

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President Il-President

Għall-Kunsill

Parti A

**Direttiva Mħassra
(imsemmija fl-Artikolu 19)**

Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1)

Parti B

**Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali
(imsemmija fl-Artikolu 19)**

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
2011/98/UE	il-25 ta' Diċembru 2013

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 2011/98/UE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2 [...]	Artikolu 2 [...]
Artikolu 3[...]	Artikolu 3[...]
Artikolu 4(1), l-ewwel u t-tieni sentenza [...]	Artikolu 4(1), l-ewwel u t-tieni sentenza [...]
Artikolu 4(1), it-tielet sentenza	Artikolu 4(2)
Artikolu 4(2)	Artikolu 4(3)
Artikolu 4(3)	-
-	Artikolu 4(4) [...]
Artikolu 4(4)	Artikolu 4(5) [...]
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6	Artikolu 6
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9	Artikolu 9(a)
-	Artikolu 9(b)
Artikolu 10	Artikolu 10
Artikolu 11	Artikolu 11(1)
-	Artikolu 11(2) sa (4)
Artikolu 12	Artikolu 12
-	Artikolu 13
-	Artikolu 14
Artikolu 13	Artikolu 15
Artikolu 14	Artikolu 16(a)

Direttiva 2011/98/UE	Din id-Direttiva
-	Artikolu 16(b) u (c)
Artikolu 15	Artikolu 17
Artikolu 16	Artikolu 18
-	Artikolu 19
Artikolu 17	Artikolu 20
Artikolu 18	Artikolu 21
-	Anness I
-	Anness II